MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 265/2002/1

**Mira Holdings Limited u Mira Motor Sales Limited**

**vs**

**Anthony u Jane konjugi Mercieca**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjetajiet attrici fit-23 ta' April, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu s-somma ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltin (Lm3900) bilanc ta' prezz dovut fuq van Isuzu TFR 4 DR mibjugh u konsenjat mill-atturi nomine lill-konvenuti u dana skond ma jirrizulta mill-anness kuntratt ta' bejgh datat 17 ta' Marzu, 1999 iffirmat ukoll mill-istess konvenuti u li gie mmarkat bhala Dokument 'A', u dwar liema bilanc il-konvenuti kienu wkoll iffirmaw kambjala li giet esebita u mmarkata bhala dokument 'B' (fuq liema kambjala kien tnizzel bi zball il-prezz indikat b'figuri ta' (Lm2900) u wara gie korrett biex jaqra Lm3900 ghalkemm il-prezz indikat bil-kliem minn dejjem kien indikat korrettement), u liema

somma bilancjali l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu fl-intier peress li qed jikkontendu li l-bilanc dovut huwa minflok ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2900), liema somma giet ukoll depozitata fir-Registru tal-Qorti u ma gietx zbankata mill-atturi nomine.

Bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Marzu 1999 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri bonarji tal-24 ta' Awissu, 1999, tas-27 ta' Settembru, 1999, tas-16 ta' Novembru, 1999 u tal-15 ta' Dicembru, 1999 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament jigi eccepit in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti in vista tal-fatt illi kif osservat u rikonoxxut fl-istess Avviz promotur, mis-somma riklamata ta' Lm3900, Lm2900 kien gia gew depozitati fir-Registru tal-Qorti ferm qabel dawn l-odjerni proceduri u allura li hemm in kontestazzjoni bejn il-kontendenti huwa biss l-ammont ta' Lm1000 li ma jaqghax taht il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda anke ghas-segwenti ragunijiet:
(a) Illi meta kien konkluz il-bejgh tal-vettura de quo, kien sar ftehim fiss fuq prezz fl-ammont ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6900) u saru sahansitra anke l-arrangament ta' kif kellu jithallas l-istess prezz miftiehem.
(b) Illi di fatti saru l-pagamenti kollha kif kien miftiehem bejn il-partijiet u kien fadal biss il-bilanc ta' Lm2900 li s-socjetajiet attrici, rrifjutaw minghajr ebda raguni valida fil-ligi tant illi sar id-depozitu opportun skond il-ligi;
(c) Illi l-kuntratt originali kien jindika prezz ta' Lm6900 u mhux Lm7900 kif allegat mis-socjetajiet attrici, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;
(d) Illi anke l-kambjala originali kienet tindika l-ammont ta' Lm2900 u mhux Lm3900 kif allegat mis-socjetajiet attrici u jekk saret xi korrezzjoni, din ma saritx fil-prezenza tal-mittenti li ffirmaw biss ghall-ammont ta' Lm2900;
(e) Illi minkejja illi s-socjeta' attrici Mira Holdings Limited kienet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta'

Novembru, 1999 debitament notifikata sabiex jipproducu l-original tal-kuntratt, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk il-mittenti ma setghu qatt jivverifikaw l-allegazzjoni maghmula mis-socjeta' a'trici fil-konfront taghhom;
(f) Illi kif anke ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza,anke l-*insurance information sheet* mahruga mill-istess Mira Motor Sales Co Limited lill-mittenti kienet tindika prezz ta' Lm7000 (ghall-finijiet ta' *insurance* tigi *rounded up to the nearest* minn Lm6900).
3. Illi ghalhekk fi kwalunkwe kaz, is-socjetajiet attrici ghandhom dejjem jipprezentaw l-original tad-dokumenti minnhom esebiti, kif ser isir mill-mittenti fil-kors tal-kawza, sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni illi taghmel il-verifiki taghha dwar jekk kienux imbaghbsa d-dokumenti originali;
4. Illi jinghad <u>assulutament minghajr pregudizzju</u> ghas-suespost illi f'kaz illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma kellhomx jintlaqghu, allura l-istess konvenuti ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez kollha ta' din l-istanza, izda biss proporzjalment ghal Lm1000 minn Lm3900 (1/4) riklamat, applikabbli ukoll ghall-imghaxijiet mitluba u dan in vista tad-depozitu maghmula kif fuq sollevat;
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetajiet attrici li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjoni preliminari taghhom, il-konvenuti qed jeccepixxu n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, peress illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti giet limitata ghall-ammont ta' elf lira Maltin (lm1000) wara depozitu illi sar mill-konvenuti ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2900)), biex b'hekk l-ammont bilancjali ma jaqax that il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti m'ghandhiex il-konfort ta' kopja tad-depozitu illi sar mill-konvenuti, pero' ghandha x-xhieda ta' Brian Attard fejn ikkonferma illi sar dan id-depozitu, fejn fost affarijiet ohra qal illi l-konvenuti ddepozitaw il-Qorti elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2900) ghax qalu illi b'hekk issaldaw il-kwistjoni illi ghandhom mas-socjeta' attrici.

Illi huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi recevitur ma jistax ibiddel il-kondizzjonijiet ta' pagament maghmul mill-pagatur (ara Appell [Kumm] Willian Apap vs Joseph Gasan deciza fis-26 ta' Novembru, 1986, Trinatours Ltd. vs Martin Camilleri Civil Inf. deciza fis-27 ta' April, 2004 u PI Productions Ltd. vs Perfecta Advertising Ltd. Civil Inf. deciza fl-10 ta' Mejju, 2001), ghalhekk s-socjeta' attrici kienet gustifikata li ma tirtirax dak id-depozitu ladarba hemm kondizzjoni marbuta mieghu illi kellu jkun ghas-saldu. Is-socjeta' attrici mhijiex qeda taccetta din id-dikjarazzjoni peress illi jihdrilha illi ghandha tiehu elf lira Maltin (Lm1000) ohra.

Ghalhekk, il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti llum mhijiex qeda biss ghal din l-elf lira, izda ghall-ammont kollu ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltin (Lm3900), ammont illi skond is-socjeta attrici ghadu dovut fl-intier tieghu. Ghalhekk, ladarba dak id-depozitu huwa marbut ma' kondizzjoni mhux accettat mis-socjeta' attrici, l-ammont in disputa jibqa' dak ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltin (Lm3900), cifra li tinkwadra fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni preliminari u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuti xtraw vettura Isuzu TFR 4 DR minghand is-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Marzu, 1999. Hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar il-valur rejali ta' din il-vettura. Filwaqt li s-socjeta' qeda tikkontendi li l-valur miftiehem kien ta' sebat elef u disa' mitt lira Maltin (Lm7900), l-konvenuti qeghdin jghidu illi c-cifra kienet ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6900). Gew esebiti diversi dokumenti, kif ukoll il-kambjala li ffirmaw il-konvenuti. Din hija suggetta ghall-kontroversja peress illi sar zball fil-figura fejn originarjament tnizzlet ic-

cifra ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2900) mentri l-kliem baqghu "three thousand nine hundred Maltese liri". Is-socjeta' attrici tirrikonoxxi dan l-izball u fil-fatt skrivan taghha kkorega l-figura billi dawwar l-ewwel numru "2" ghal dak "3", il-kliem pero' baqa' dejjem korrett.

Brian Attard, sales manager mas-socjeta' attrici rrikonoxxa illi sar zball u f'xi dokumenti tnizzlet ic-cifra ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6900). Spjega illi meta jaslu fi ftehim ma' klijent huma jippreparaw tliet dokumenti originali. Wahda jzommuha huma, l-ohra jaghtuha lill-klijent u ohra tintbaghat lill-Ufficcju tal-Licenzji. Il-kopja li ntbaghatet lill-Ufficcju tal-Licenzji (fol. 44) fiha c-cifra ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6900), pero' ma fihiex dettalji ohra. Hawn Attard jirrikonoxxi illi c-cifra hija zbaljata, pero' l-original tinsab esebita f'dawn l-atti a fol. 60. F'dina tidher ic-cifra ta' sebat elef u disa' mitt lira Maltin (Lm7900) u jidhru wkoll il-pagamenti illi ghamlu l-konvenuti.

Il-Qorti tosserva, pero' illi fuq dan id-dokument jidher ukoll in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura, haga illi zgur ma kinitx disponibbli ghall-partijiet fis-17 ta' Marzu, 1999 meta gie redatt il-kuntratt. Fil-fatt, in-numru tar-registrazzjoni seta' kien maghruf biss wara l-hrug tal-licenzja, illi kopja taghha tinsab esebita a fol. 63 bid-data tat-30 ta' Marzu, 1999. Zgur ghalhekk, illi l-original a fol. 60 fih xi kitba illi ma kinux fih meta gie redatt fis-17 ta' Marzu, 1999. Ma hemmx kontestazzjoni pero' fuq il-firem illi hemm fuq l-original fejn jidhru l-firem tal-konvenuti u ta' direttur tas-socjeta' attrici. Jekk pero' sarux xi zidiet fuq il-kuntratt originali wara li gie ffirmat mill-partitijiet, mhijiex kwistjoni illi ghandha tigi sindikata minn din il-Qorti peress illi tirrkjedi kawza *ad hoc* minn min hu nteressat jikkontesta l-validita' tal-ftehim.

Ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tiehu dak il-ftehim bhala wiehed validu ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Barra minn hekk, hemm il-kwistjoni tal-kambjala, li l-original tinsab ukoll esebita a fol. 62. Il-konvenut Anthony

Mercieca gharaf il-firma tieghu fuq din il-kambjala u a fol. 50 jghid testwalment, li “firma fuq il-kambjala fejn jidher l-isem ta’ Mercieca huwa tieghi.” Inqalet kontroversja bejn il-partijiet dwar il-figura illi tidher fuq il-kambjala. Il-konvenut Anthony Mercieca jghid, “meta Robert kien qed jikteb il-kambjala jiena rajtu jikteb figura 2900, pero’ ma tajtx kaz dwar il-kliem” (fol 50).

Brian Attard jikkonferma illi meta tnizzlet ic-cifra, dina tnizzlet zbaljata ghad illi l-kliem miktubin huma korretti. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi anke jekk il-figura ma gietx ikoregguta, f’kaz ta’ diskrepanza bejn il-kliem miktubin u l-figura, l-kliem miktubin hija s-somma illi ghandha tithallas.

Ikkunsidrat:

L-arikolu 1261 tal-Kapitolu 13 jghid, “Jekk fil-kambjala fis-somma illi ghandha tithallas tkun miktuba bi kliem u b’numri u dawna ma jkunux jaqblu bejnithom, is-somma miktuba bi kliem hija s-somma illi ghandha tithallas.” Fil-fatt il-Profs. Carlo Mallia fin-noti tieghu (fol. 257) jghallem illi, “La somma di pagare non e’ detto che debba essere indicata in lettere o in cifre o nelle due maniere insieme. Nella pratica essa vuol essere indicata in lettere e in cifre e questo puo’ dare luogo ad una difficolta nel caso che le due indicazioni siano diverse. Il caso e’ preveduto dalla nostra legge nell’articolo 109 (illum 126) che dispone ‘se la somma da pagarsi e espressa nella cambiale con cifre e con lettere, vale, in caso di diversita’ la somma espressa con lettere’. Il che si comprende, perche e’ piu’ facile u errore in una cifra che un errore nello scrivere per intero e in lettere la somma.”

Ghalhekk, minkejja id-divergenza li jista’ jkun hemm huwa l-kliem miktub illi jipprevali u dak jirreferi s-somma illi ghandha tithallas. F’dan il-kaz ma hemmx dubju illi c-cifra ndikata bil-miktub tirreferi ghal tlett elef u disa’ mitt lira Maltin (Lm3900) u hija dik ic-cifra illi ghandha tithallas.

Peress din l-azzjoni minbarra wahda ta’ natura kuntrattwali hija wkoll ta’ natura kambjarja, l-konvenuti huma tenuti illi jhallsu s-somma ta’ tlett elef u disa’ mitt lira

Maltin (Lm3900), dana ndipendentement mill-obbligazzjoni li minnha tohrog din il-kambjala. (Ara sentenza Prim 'Awla Qorti Civili fl-ismijiet Avukat Keith Bonnici noe vs Adrian Busietta noe, deciza fis-7 ta' April, 2000; ukoll fl-ismijiet John Portelli noe vs Joseph Sullivan Qorti tal-Kummerc deciza fis-17 ta' Ottubru, 1989) dana jfisser, quindi, illi ndipendentement x'gie miftiehem bejn il-partijiet u indipendentement ukoll mill-ftehim tas-17 ta' Marzu, 1999, il-konvenuti huma tenuti li jhallsu s-somma ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltin (Lm3900) abbazi tal-kambjala minnhom accettata u ffirmata. Minkejja li rizulta pruvat illi f'xi zmien qabel jew wara l-firma, c-cifra fil-kambjala giet alterata, l-konvenuti mhumiex qeghdin iqajjmu kwistjoni ta' nullita' tal-kambjala, li fi kwalunkwe kaz trid issir azzjoni *ad hoc*.

Ghalhekk, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra jhlief li taccetta l-kambjala kif inhi bl-obbligazzjonijiet naxxenti minnha li jinkludu l-hlas ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltin (Lm3900) da parti tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lli jhallsu s-somma ta' tlett elef u disa' mitt lira Maltin (Lm3900) import ta' kambjala datata 17 ta' Marzu, 1999 accettata u iffirmat ukoll mill-istess konvenuti.

Ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez, il-konvenuti qeghdin jallegaw illi m'ghandhomx ibatu l-ispejjez kollha, peress illi huma ddepozitaw fir-Registru ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2900). Kif gja inghad, il-Qorti m'ghandhiex kopja ta' dan id-depozitu, pero' Brian Attard jirreferi ghal dan id-depozitu bhala wiehed ghas-saldu. Dan jintitola lis-socjeta' attrici li tirrifjuta illi tirtirah peress illi jkun qeghdin jikkompromettu d-drittijiet taghhom ladarba ma jistghux ibiddlu l-modalita' tal-pagament maghmul mill-konvenuti. Ghalhekk, bir-ragun is-socjeta' attrici rrifjutat illi tirtira s-somma depozitata.

Ghalhekk, ghal fini ta’ l-ispejjez, il-Qorti ma jidhirlhiex illi ghandha taghmel xi temperament ladarba s-socjeta’ attrici kienet legalment gustifikata li tirrifjuta l-irtirar tad-depozitu.

Ghal dawn il-motivi:

Ghalhekk, tikkonkludi illi l-ispejjez ghandhom jithallsu interament mill-konvenuti, bl-imghax pagabbli mid-data tan-notifika ta’ l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------